# Is-Saħħa Sesswali u Riproduttiva f’Malta
# Parlament Nazzjonali Taz- Zghazagh 2017

# Is-Saħħa sesswali u Riproduttiva f’Malta

Din ir-rezoluzzjoni tal-Partit Is-Saħħa sesswali u Riproduttiva f’Malta ġiet imfassla bl-intenzjoni li tkun ta għajnuna lil pajjiż u s-soċjeta’ Maltija. Il- proposti tagħna huma miftuħin għad-diskussjoni u għal kritika kostruttiv, bl-għan li jigu studjati iktar fil-fond u finalment jiġu mplimentata. Permezz ta’ din ir-reżoluzzjoni, qegħdin nesprimu x-xewqa li nqajmu diskussjoni fuq dan is-suġġett għaliex nemmnu li tassew jaffetwa lil ħafna persuni fuq livelli varji.

"To be clear, reproductive justice is not a label —it’s a mission. It describes our collective vision: a world where all people have the social, political, and economic power and resources to make healthy decisions about gender, bodies, sexuality, reproduction, and families for themselves and their communities."

— Jessica Gonzalez-Rojas and Kierra Johnson

# Indici

Kelmtejn mill-koordinatur

Rapport fuq is-survey li sar dwar is-Saħħa Sesswali u Riproduttiva f'Malta.

Edukazzjoni

Saħħa Sesswali

Riproduttivita

Parteċipanti

# Kelmtejn mill-koordinatur

Bħala grupp ta’ żgħażagħ li għazel li jaħdem fuq is-suġġett tas-Saħħa Sesswali u Riproduttiva f’Malta, meta bdejna noħorgu bil-proposti ħarisna lejn l-esperjenzi personali tagħna. Dan sar bi proċess naturali hekk kif is-sistema ta’ kif is-saħħa sesswali tiġi mgħallma Malta għandha ħafna nuqqasijiet.

Nixtieq nghid li ma kienx faċli, kemm għalija u anke għal kollegi tiegħi sabiex sibna l-ħin u għamilna r-riċerka tagħna fuq dan is- suġġett hekk kif ħafna minna jaħdmu u huma diġa attivi f’organizzazzjonijiet oħra. Madankollu għarafna l-bzonn li s-Saħħa Sesswali u Riproduttiva f’Malta tiġi mgħotija iktar importanza, u għalhekk għamilna minn kollox biex noħorgu din ir-reżoluzzjoni mimlija b’diversi proposti.

Minkejja bosta impenji li kellna, xorta staqsejna u tkellimna ma’ żgħażagħ ohra li kellmuna fuq ideat ohra u anke esprimew x’inhuma l-affarijiet li huma ta żvantaġġ għalihom. Ta’ dan nirringrazzjhom talli żewqu r-riċerka tagħna. Fittixna l-oppinjoni taż-żgħażagħ anke permezz ta’ survey żghir li għamilna u xerridna fun il-midja soċjali. Ir-rapport li hemm iktar ‘il quddiem fir-reżoluzzjoni jispjega l-informazzjoni li ġbarna dwar dan is-suġġett, li kien ta’ għajnuna għalina sabiex inkunu nistgħu nifhmu iktar aħjar x’jaħsbu żgħażagħ oħra.

Iffukajna fuq l-edukazzjoni sesswali mgħallma fl-iskejjel għax bħala partit nemmnu li hi l-pedament tas-Saħħa Sesswali u Riproduttiva. Nemmnu li hemm iktar xoghol xi jsir speċjalment fejn tidħol edukazzjoni għal persuni li għandhom orjentazzjoni differenti. Dan il-partit jemmen li hemm bżonn kbir ta’ ‘tailored education’ speċjalment fl-iskejjel sekondarji.

Ftit tal-jiem ilu l-onorevoli Everest Bartoli stqarr fuq il-paġna tal- facebook tiegħu li hemm iżjed xogħol xi jsir fil-qasam edukattiv dwar sesswalita` u relazzjonijiet personali. Aħna nissekondaw din l-istqarrija hekk kif skond taħriġ li sar, Malta tinsab fid-disa’ post fejn jidħlu ‘teenage pregnancies’. Għalkemm Malta tinsab fid-disa’ post, l-eta’ tal-kunsens ġewwa Malta hija dik ta’ tmintax-il sena, l-għola waħda fl-Ewropa. Bħala partit nemmnu li l-eta’ tal-kunsens għandha tinżel għal sittax-il sena. Ħafna huma dawk iż-żgħażagħ li minn ta’ eta’ żgħira huma sesswalment attivi.

Smajna ħafna fuq il-prostituzzjoni dawn l-aħħar xhur u għalhekk esprimejna ukoll l-ideat tagħna għas saħħa ta’ dawn il-ħaddiema ukoll.

Nikkonkludi billi nerġa nikteb li dan ix-xogħol kollu sar għax nemmnu li hemm bżonn bidla fl-edukazzjoni sesswali kif inhi magħllma u iktar awareness fejn tidħol is-saħħa sesswali. Dawn il-proposti li qed nippreżentaw, inkitbu minn grupp ta' żgħażagh li jixtieq jara iktar tagħlim inklussiv disponnibli għal ġenerażżjoni li ġejja u għalhekk il-proposti tagħna huma miftuħin għad-diskussjoni.

# Rapport fuq is-survey li sar dwar is-Saħħa sesswali u Riproduttiva f'Malta.

Ahna bħala partit tas-Saħħa Sesswali u Drittijiet ta' Riproduttivita' ghal Parlament taż-Żgħażagħ 2017 għamilna survey lil żgħażagħ bejn erbatax-il sena u ħamsa u tletin sena li minnu ppartecipaw mija tnejn u tmenin persuna.

Minn dan is-survey ħareġ li 95.6% jafu x'inhi saħħa sesswali filwaqt li 4.4% biss ma jafux xi tkopri.

Maġġoranza kbira ta 73.5% jaqblu li hawn edukazzjoni biżżejjed fuq saħħa sesswali u ħafna minnhom jaqblu ukoll li l-edukazzjoni fuq saħħa sesswali għandha tibda mil-Primarja.

Meta staqsejna x' tip ta mezzi ta' edukazzjoni jaħsbu li l-aktar li jfittxu ż-żgħażagħ fuq saħħa sesswali, 45.1% jaħsbu li l-midja, 43.4% jaħsbu li permezz ta social networks u 11.5% jaħsbu li mezzi oħrajn.

Minn dan is-survey hareg ukoll li l-maġġornaza ta' 72% ma jaħsbux li hawn biżżejjed edukazzjoni fuq kontraċettivi filwaqt li 28% jaħsbu li hawn.

96.7% semghu fuq IVF filwaqt li minoranza zghira ta' 3.3% ma semghux. Minn dawn li semghu fuq IVF, 72% minn 182 li jaqblu li l-gvern ghandu joffri trattament tal-IVF bla hlas filwaqt li 28% biss ma qablux.

Maġġoranza kbira ta' 91.8% semghu fuq STDs filwaqt li 8.2% biss ma semghux. Meta staqsejna x'nistaw nagħmlu biex nevitaw mard sesswali, daħlu bosta ideat fosthom li jintużaw il-kontraċettivi, isiru visti regolari għandi it-tabib u jkun hawn aktar awareness u edukazzjoni tajba sabiex niprevjenu milli jittieħed ċertu mard fost ohrajn.

Meta staqsejna jekk jaqblux li l-eta sesswali ghandha tinżel minn 18-il sena ghal 16-il sena, maggoranza ta' 50.8% ma qablux filwaqt li 49.2% qablu. Ir-raġuni li ħafna taw kienet illi ta' 16-il sena ikunu aktar immaturi iżda ħafna nies stqarru ukoll li xorta li hawn ħafna żgħażagħ taħt it-tmintax il-sena li huma sesswalment attivi. Dan narawh anke meta mill-ewwel 10 postijiet bl-akbar rata ta' adoloxxenti li johorgu tqal, Malta tinsab fid-disa' post.

Meta staqsejna jekk għandux ikun hawn 'Condom Machines' fl-Universita' ta' Malta, MCAST, ITS u fiċ-ċentri tas-saħħa, maġġoranza ta' 71.3% qablu filwaqt li 28.7% ma qablux. Dawk li qablu stqarru li b' hekk ikun hawn iktar aċċess għal kontraċettivi u jonqos il-mard sesswali. Kien hemm min issuġerixxa li jkun hawn iktar condom machines f'postijiet tad-divertiment ukoll. Filwaqt dawk li ma qablux qalu li f'dawn postijiet mhux permess sess u li ma jagħtux dehra professjonali lil l-iskejjel fost ohrajn.

Maġġoranza kbira ta' 66.5% ma jaqblux mal-abort filwaqt li 33.5% biss jaqblu. Il-maġġoranza esprimew li għax magħndekx dritt li toqtol tarbija qabel ma titwieled, kulhadd għandu dritt għal ħajja, il-ħajja tibda mil-konċepiment. Ħafna stqarru li l-unika eċċezzjoni fejn qablu li jsir abort hi meta tidhol is-saħħa u l-ħajja tal-omm, fejn tagħżel flimkien mal-partner tagħha (jekk hu possibli) biex jagħżlu prijorita min għandu jsalva bejn l-omm u t-tarbija. Madankollu aħna bħala partit nemmnu li f' każ ta' għażla għandha tkun tal- mara biss hekk kif il-ħajja tagħha qegħda mgħedda u mhux tar-raġel. Filwaqt li dawk favour l-abort jaqblu li f'każijiet ta' meta jsir qabel 21 gimgħa ta' tqala, f' każ ta' stupru jew jekk jaffetwa l-ħajja tal-omm fost oħrajn għandu jsir l-abort.

Meta staqsejnihom jekk ghandhom jinfethu xi sperm banks, maġġoranza kbira ta' 70.4% qablu filwaqt li 29.6% ma qablux.

Staqsejna ukoll l-oppinjoni ta' min melgħa s-survey li aħna ħadna biex ninkludu fir-reżoluzzjoni tagħna. Fost dawn l-ideat insibu:

- Tinbidel l-attitudni dwar is-sess.

- Tinbidel l-idea li dan is-suġġett hu taboo u nitkellmu iktar b'mod miftuħ dwar dan is-suġġett. Informazzjoni u tagħlim tibda minn ta' eta' zgħira, u jibqa jingħata sakemm iż-żgħażagħ jibqaw fl-iskejjel. Tagħlim għandhu jingħata mhux biss lit-tfal jew żgħażagħ iżda ukoll lil ġenituri.

- Għandha tissaħħah b'iktar tagħrif ġewwa l-iskejjel permezz tal-għalliema u anke mic-ċentri tas-saħħa jew mill-isptar b'xi kampanja dwar dan is-suggett, ħalli nsiru nafu iktar fuq dawn l-affarijiet.

- Iktar promozzjoni tal-importanza tas-saħħa sesswali fuq social media hekk kif sar platform ewlieni fost iż-żgħażagħ. Kif ukoll, għandu jkun hemm xi paġna fuq Facebook li toħroġ informażżjoni fuq dan is-suġett.

- Ħafna pajjizi Skandinavi, jibdew l-edukazzjoni fuq is-saħħa sesswali mil-eta' ta' 4 snin, mentri aħna nibdew nitgħallmu fuq dan is-suġett fl-aħħar sentejn jew sena tal-primarja. L-edukazzjoni sesswali għanda tkopri mhux biss is-sess, iżda ukoll l-imħabba, relazzjonijiet, dating, orientazzjoni sesswali, STIs /STDs, diversita' sesswali, gender stereotypes, self-image, self-esteem, tagħlim ta' kif għandhom ikunu assertivi speċjalment fejn jidħol abbuż u intimidazzjoni, tqala, abort, IVF, birth control u kontraċettivi fost oħrajn.

# Proposti

## Edukazzjoni

L-edukazzjoni dwar is-Saħħa Sesswali u Drittijiet ta' Riproduttivita' għandha tkun kemm fil-klassi kif ukoll fit-triq. Riċerka bażika li saret sena ilu l-Universita' ta' Malta bejn numru ta' għaqdiet studenteski żvelat li bosta studenti m'għandhomx biżżejjed għarfien rigward is-saħħa sesswali u drittijiet ta' riproduttivita'. Is-sistema edukattiva kurrenti ma titrattax din l-isfera b'mod ħolistiku u minn perspettiva li wieħed jista' jirrelata magħha b'mod prattiku. Dawn huma xi fait proposti li capaci jbiddlu ghat-tajjeb il-mod kif minn ta' eta' żghira nitghallmu fuq is-saħħa sesswali.

1. L-istituzzjoni edukattiva għandha rwol importanti f'dan il-qasam minħabba l-fatt li kemm tfal kif ukoll żgħażagħ iqattgħu ammont sostanzjali ta' ħin hemmhekk. B'hekk, irid ikun programm li jitratta l-aspett bioloġiku, soċjali, ekonomiku, personali, fost oħrajn minn lenti oġġettiv, fejn l-istudenti jiġu esposti għar-realta' tas-saħħa sesswali. Fuq kollox, dan il-programm irid ikun addatat għall-etajiet differenti tal-udjenza. Din tgħin fl-introduzzjoni ta' programm edukattiv minn eta' żgħira, per eżempju mill-primarja.

2. L-edukaturi għandhom bżonn training kontinwu fuq dan is-suġġett, biex jsarrfu bħala kuntatt kruċjali għall-istudenti li jinstabu dubjużi fuq ċertu affarijiet jew li jkollhom bżonn parir.

3. Hemm bżonn ta' aktar kampanji effettivi biex jizdied l-għarfien fuq l-importanza tas-saħħa sesswali u l-impatt li għandha fuq il-ħajja tal-bniedem. Dawn il-kampanji m'għandhomx ikunu ristretti biss għal posters f'latrini publiċi għaliex dawn jinfurzaw it-taboo fuq is-sesswalita' tal-bniedem. Nirrekommandaw li jintużaw ukoll medja tal-massa u soċjali.

4. Aktar promozzjoni ta' servizzi tas-saħħa sesswali eżistenti biex tizdied l-aċċessibilita'.

5. Iktar awareness fuq id-drittijiet ta' riproduttivita' billi ikun hemm iktar għarfien dwar diversi metodi ta' kontraċezzjoni, bħall-MAP u is-servizzi offruti bħall-GU clinic, jew f'każijiet estremi bħall-abuz f'relazzjoni jew strupi, kemm fl-istruttura tal-iskola kif ukoll b'mod pubbliku min-naħa tal-gvern sabiex l-istudenti jistgħu jagħmlu għażla iktar infurmata. Dan jista' jsir permezz ta' kampanja onlajn li tista' tiġi mħaddna mill-iskejjel u l-istituzzjonijiet edukattivi.

6. Għandu jkun hemm clinics tas-saħħa sesswali u condom machines fl-iskejjel post-sekondarji u f'Għawdex.

7. Għandhom jiġu mogħtija condoms b'xejn f'postijiet pubbliċi frekwentati miż-żgħażagħ, speċjalment f'postijiet li jservu l-alkohol u hemm riskju ta' abbuz tad-drogi. Nifhmu li hemm din l-inizzjattiva tkun ta' piz finanzjarju, b'hekk naħsbu li għandu jsir proġett pilota li jinkuraġġixxi safe sex.

8. Hemm bżonn li s-sexual health policy tkun revedduta biex tirrifletti r-realtajiet tal-lum u tippromovi s-saħħa sesswali bħala aspett positiv fis-soċjeta.

9. Għandhom jiġu provduti korsijiet għal ġenituri tat-tfal li jattendu skola primarja biex ikunu jistgħu jibdew jitkellmu mat-tfal tagħhom fuq is-saħħa sesswali u jkunu preparati għal xi mistoqsijiet li jsaqsu uliedhom.

10. Aktar riċerka fuq l-attivita' sesswali taż-żgħażagħ, l-influwenza tal-pornografija fuq is-soċjeta u methodi li jistgħu jgħinnu biex jonqos sexual risk behaviour.

11. L-eta' tal-kunsens m' għandiex tinżel għal dik ta' sittax -il sena, iżda għandu jinħatar bord, min-nies professjonali, biex wieħed jgħaraf liema 'age gap' għandu jkun aċċetabli biex ikun hemm att intimu, meta xi ħadd minnhom ikun taħt it-tmintax -il sena.

12. Inħossu li l-Morning After Pill daħlet fis-suq Malti mingħajr ma kien hawn tagħlim xieraq fuqha. Ħafna tfajliet ma jafux inforrmazzjoni biżżejjed fuq din il-pillola. Nemmnu li fl-iskejjel iris ikun hemm taħriġ fuqha kif ukoll l-ispiżeriji jkollhom l-obbligu li jfehmu sewwa ta' meta u kif teħodha.

13. Ċensura fuq the 'Silent Scream' habba il content grafiku li fih. Dan il-video qiegħed jiġi muri lil tfal ta' erbatax il-sena li qegħdin jiġu nfluwenzati mill-kontenut li huwa ta' natura falza. B'hekk, il-gvern għandu jwaqqaf skejjel u organizzazjonijiet f'Malta milli juru dan il-video ħabba n-natura grafika u falza tiegħu.

## Żieda fl-Għarfien tal-Eżamijiet Ġenitali

Eżami tal-ġenitali (genital self exam) huwa proċess li wieħed jagħmel biex jiċċekkja għal sinjali u sintomi li jistgħu jindikaw il-preżenza ta’ STDs, jew biex isibu xi anormalitajiet li jindikaw problema aktar serja, bħal kanċer. L-eżami tal-ġenitali huwa estremament importanti għaliex jgħin biex jiddetermina jekk STD hijiex preżenti jew le, u għalhekk, tinkoraġġixxi individwu biex ifittex assistenza professjonali u jibda t-trattament.

Kull individwu, kemm maskilli kif ukoll femminili, għandu jagħmel dawn l-eżamijiet mill-inqas darba fix-xahar, mill-bidu tal-maturazzjoni sesswali (madwar l-età ta ’15).

Peress li l-eżamijiet tal-ġenitali għandha tendenza li tiġi stigmatizzata, irid ikun hawn aktar għarfien sabiex tiġi enfasizzata l-importanza tat-twettiq tal-eżami.Dan jista' jsir permezz ta’:

14. Spjegazzjoni dettaljata dwar kif isiru dawn l-eżamijiet matul il-lezzjoni tal-edukazzjoni sesswali fl-iskejjel sekondarji, kif ukoll fil-GU Clinic.

15. Fuljetti informattivi fil-GU Clinic u faċilitajiet oħra tal-kura tas-saħħa bħal kliniki, spiżeriji, sptarijiet eċċ .

16. Kampanja onlajn dwar l-importanza tal-Eżamijiet tal-Ġenitali. Nissuġġerixxu li dan isir fix-xahar ta’ April peress li huwa x-xahar tal-Kuxjenza dwar l-STDs (Ċentri ta 'Kontroll u Prevenzjoni tal-Mard).

# Saħħa Sesswali

## Trattament għas-Saħħa Mentali Relatata mas-Sesswalità

L-orjentazzjoni sesswali għandha rwol ewlieni fl-eżistenza u l-funzjoni ta’ kull individwu. Barra minn hekk, is-sesswalità spiss tiddefinixxi n-nies u taffettwa wkoll l-attitudnijiet soċjali. Dawn l-attitudnijiet, jekk negattivi, jistgħu jikkontribwixxu għal stigma u jimpedixxu lin-nies milli jgħinuhom ifittxu għajnuna psikoloġika jekk ibatu minn problemi ta 'saħħa mentali. Barra minn hekk, minħabba l-istigma assoċjata ma’ koppji tal-istess sess, hemm ċans li fit individwi jħossuhom skomdi jistaqsu xi mistoqsijiet li jwassal u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' mard mentali. Dan jista’ jiġi evitat permezz billi:

17. Sessjonijiet ta’ pariri għal nies li qed ikollhom diffikultajiet bis-sesswalità tagħhom.

18. L-organizzazzjoni ta’ gruppi tal-appoġġ għal dawn iż-żgħażagħ.

19. Spjegazzjonijiet tal-prattiċi sikuri tal-istess sess fl-iskejjel sekondarji.

20. Minbarra dak kollu, jekk persuna tkun qed issofri minn mard mentali, il-kura ta’ kwalità għandha tkun disponibbli skond il-ħtiġijiet tal-pazjent.

## Riproduttivita

Sperm Bank

21. Għandha tinfetaħ banka tal-isperma fejn kull mara jkollha d-dritt sabiex jkollha t-tfal mingħajr ebda bżonn li tkun f'relazzjoni. Dan jkun qed inaqqas iċ-ċans li jinxtered aktar mard transmettit sesswalment  filwaqt li jkun hemm inqas ċans li l-mara tkun abbużata meta hi tkun diterminata li jkollha t-tfal. Bil-bank tal-isperma titnaqqas id-diskriminazzjoni u kulħadd jkun liberu li jkollu t-tfal anki dawk il-persuni b'orjentazzjoni sesswali differenti.

22. Persuna għandha jkollha ċ-ċans li tuża dan is-servizz wara li jkollha analażi sewwa tal-istat psikoloġiku, socjali u mediku sabiex jkun assigurat li l-mara tinsab f'sitwazzjoni xierqa u ppreparata.

23. Trid tkun ċara li l-persuna mhux se jkollha l-ebda manteniment min-naħa tad-donatur. Filwaqt li għall-persuni li mhux miżżewġa, m' għandhomx jingħatu l-ebda sussidju tal-ġenituri weħidhom (mhux ic-'children allowance' iżda il-benefiċji tas-'single mothers') min –naħa tal-gvern, dan għaliex il-wild jkun għażla tal-omm.

24. Kull donatur għandu jiġi eżaminat u preparat b' mod mediku u psikoloġiku għal dak li hu meħtieġ fil-proċess, filwaqt li l-identita' tiegħu għandha dejjem tinżamm kunfidenzjali.  Peress li Malta żgħira id-donatur għandu jkollu limitu ta' drabi ta' kemm jista' jiprovdi spermi. Kull wild li jiġi mwelled għandu jigħata kodici speċjali ta' min hu l-missier sabiex tiġi eliminata l- problema ta' inċest.

# L-Abort

25. Nemmnu li l-abort m'ghandux jitqies bħala suġġett taboo. Hemm bżonn li għandu jkun hawn post għal konsultazzjoni u diskussjoni hekk kif kull sena ikun hawn ammont abbundanti ta' tfajliet li jfittxu biex jagħmlu abort fil-pajjiżi ġirien tagħna jew mod illegali li mhux "safe".

# L-Iffrizar tal-Embrijuni

26. Nemmnu li għandu jkun hemm l-ifriżar tal-embrijuni sabiex titnaqas it-tbatija għall-persuni li jkollhom problema ta’ fertilita.

27. Għandhom jiġu meħudha ammont bajdiet u spermi għal kull persuna li tiġi bżonn it-trattament, fejn dawn jiġu fertilizzati. Dawk l-embrijuni li ma jiġux implimentati fil-mara għandhom jiġu iffriżati bl-etika u b’attenzjoni meħtieġa, ħalli f’każ li l-embrijun implimentat ma jirnexxix il-mara jkollha ċ-ċans li terġgħa tipprova mingħajr ma’terġa tgħaddi mit-tbatija li tkun ġa għaddiet minnha.

28. F’ kas li l- embrijun implimentat fil-mara jkun ta suċċess u għal diversi raġunijiet ma jkunx possibli li jużaw l-embrijuni l-oħra friżati għandu jkun hemm deċiżżjoni mill-ġenituri involuta sabiex l-embrijuni jiġu meqruda wara ammont taż-żmien jew mgħotija lil koppji oħra li għandhom problemi ta’ konċepiment.

# IVF

29. Hemm il-bżonn ta' aktar għarfien dwar il-fertilizazzjoni vitro filwaqt li tiżdied aktar l-għajnuna għall-persuni li għal ċertu raġunijiet jirrikorru għal dan is-servizz.

30. Għandu jkun hemm aktar support psikoloġiku u informazzjoni medika dwar il-proċess.

31. Il-Fertilizzazzjoni vitro għandha ssir bi ħlas sussidjat mil gvern wara li bord maħtur apposta ikun evalwa kas b kas fuq numru ta kriterji li iridu jiġu ik-kkonsidrati għal kull min ikollu bżonn jirrikorri għaliha sabiex b'hekk kulħadd jkun liberu u jkollu ċans sir ġenitur. Għandha ssir bi pjan u preparazzjoni, wara eżamijiet mediċi, psikoloġiċi u soċjali. B' hekk il-Fertilizzazzjoni Vitro tkun tista' tiġi użata ukoll min persuni li mhumiex miżżewġa. Filwaqt li kull persuna għandha tingħata issapport meħtieġ, il-persuni li mhux miżżewġa, m' għandhomx jingħata l-ebda sussidju tal-ġenituri weħidhom (mhux ic-children allowance' iżda ilbenefiċċji tas-'single mothers') minn naħa tal-gvern, dan għaliex il-wild jkun għażla tal-omm.

## Surrogazzjoni

It-terminu 'surrogacy' jista' jiġi deskritt bħala metodu fejn mara issir tqila u twelled t-tarbija ta' koppja jew persuna li tixtieq tarbija. Ħafna mid-drabi dan il-metodu jintagħżel meta jkun hemm ostakli mediċi, bħal abnormalitaijiet fl-utru, korrimenti jew meta metodi alternattivi bħall-IVF ma jaħdmux, li ma jħallux lil dak li jkun biex ikollu tarbija b'mezz naturali. Għall-fini tal-proposti t-tip ta' 'surrogacy' li ħa jiġi diskuss huwa 'gestational surrogacy' fejn l-embriju (li huwa kkreat permezz ta' IVF) jiġi impjantat fl-utru tas-'surrogate', li m'ghandu l-ebda relazzjoni ġenetika magħha. 'Surrogate' tirreferi ghall-mara li tkun qed iġġorr it-tarbija tal-koppja fil-ġuf tagħha għat-term sħiħ tat-tqala.

Id-drittijiet tal-mara tqila u tal-omm bioloġika, li mijiex ħa twelled it-tarbija, għandhom bżonn jiġu żvillupati biex ma jkunx hemm *lacunae* fil-leġislatura. L-att ta' surrogacy għandha tkun irregolizzata biex kemm it-tfal kif ukoll il-mara li tkun qegħda iġorr it-tarbija f'ġufha ma jiġux użati għall-skop inġust, kummerċjali jew materjali.

Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani hija bbażata fuq żewġ pillari, ir-respett lejn il-ħajja privata u tal-familja u li l-awtorita' m'għandha l-ebda jedd biex tindaħal sakemm ma jkunx hemm kwistjonijiet legali li jitolbu l-attenzjoni fejn l-azzjoni tittieħed għall-interess tas-sigurta' nazzjonali.

32. Abbażi r-rakomandazzjonijiet tal-ECHR (Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani) għall-każijiet Franċiżi, il-pajjiż għandu jirrokonoxxi r-relazzjoni bioloġika bejn t-tarbija u l-koppja/individwal li ma jistgħux jkollhom it-tarbija (li jissejħu 'intended parents')

33. Surrogacy tista' tiġi irrekolata permezz ta' 'pre-birth orders' u kuntratti li jinkitbu qabel l-kunċizzjoni u li jiġu iffirmati minn kull partit involut. L-għan tagħhom hu biex id-drittijiet tal-ġenituri/koppja huma vverifikati, speċjalment la titwieled it-tarbija.

34. Madanakollu, hemm bżonn ta' numru ta' kriterji sabiex il-mara li tkun qed iġorr it-tarbija f'ġufha tkun taf eżatt x'inhu rikjest min-naħa tagħha u min-naħa tal-'intended parents.'

# Parteċipanti

Graziella Bonavia
Leon Chetcuti
Denise Grech
JC Fenech
Johnny Marmara
Martina Miggiani
Jennifer Polidano
Samantha Pace Gasan
Gabriella Sutton